L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: 13 t'Awwissu 2004

## Safar u bagalji

Wiehed mill-argumenti li nhoss li hadem hafna min-naha ta' 'Iva' hija x-xewqa tal-Maltin li jkunu jistghu jidhlu u johorgu liberament f'pajjizi Ewropej meta jsiefru. Fi kliem iehor il-liberta' tal-moviment.

U mid-dehra se jkunu verament dawn il-libertajiet jew libertinaggi li se jikkaratterizzaw il-legislatura tal-Partit Nazzjonalista li bhalissa ghandu l-finanzi tal-pajjiz f'idu!

Ilu ma jkollna daqstant bulettini ta' l-ahbarijiet fejn naraw tant ajruplani u bagalji f'qasir zmien.

Kontroversja li nqalghet kienet zgur dik tal-'jet' privat li l-Prim Ministru uza ghal iktar minn darba biex ilahhaq ma' l-impenji tieghu issa li dhalna fl-Unjoni. Il-finanzjament tat-tieni safra jidher li kien mill-Unjoni; l-ewwel wiehd, sa fejn naf jien, ma kienx hekk. Imbaghad il-Prim Ministru, wara kritika kbira, iddecieda li jkun aktar generuz u jmur bl-Air Malta minflok.

Imbaghad kontroversja ohra kbira fuq ir-rotot sfrenati ta' John Dalli. Zgur li ftit hawn nies f'Malta li marru tant destinazzjonijiet fi zmien daqstant qasir fl-ahhar zminijiet tieghu bhala Ministru ta' l-Affarijiet Barranin. Destinazzjonijiet li marru lil hinn mill-Ewropa u waslu sahansitra l-Amerika u l-Afrika ta' Fuq. Destinazzjonijiet, li ma kienu jikkonsistu fl-ebda laqghat ta' stoffa.

U issa – John Dalli rrizenja. U f'xena memorabbli naraw lil hadd hief lil Ivan Camilleri gewwa c-check-in area ta' l-ajruport – persuna lit ant hadet rwol attiv sottili kontra Dalli u l-atteggjament tieghu u li identifikaha hu stess bhala strumentali ghall-allegat 'frame-up' li sar kontrih mill-PN stess.

Il-Malti jghid li biex tiskongra trid tkun pur! Qawl bhal dan fic-cirkostanzi jgieghlek verament titbissem. Lanqas lahqet ghaddiet gimgha mir-rizenja ta' John Dalli li ma narawx lil Ivan Camilleri l-ajruport b'xoghol gdid, imhallas minn kumpanija Maltija (u cioe' johrog il-flus mill-pajjiz u mhux idahhalhom kif kien jigri li kieku kien impjegat ta' l-Unjoni ) li apparti s-salarju ghandu beneficcju ta' titjiriet ta' l-ajru !

U ghal xi raguni jew ohra Ivan Camilleri hass ukoll li jinforma lil kull min jista' jkun interessat ufficjalment tal-mawra tieghu gewwa Brussels. Jew forsi biex jaghti xi risposta, jew biex jinki, jew biex johrog l-informazzjoni hu flok ma mzewwaqha haddiehor.

Ergajna lura ghas-saga ta' l-ajruplani. U… tal-bagalji.

Nistghu wkoll nindunaw minn xhiex hu ghaddej pajjizna prezentement sempliciment billi nharsu lejn il-famuzi kaxxi jew bagalji. Ghal zmien twil, is-simbolu ta' John Dalli kienet il-bagalja. U min ma kienx jaghraf din il-famuza bagalja! Issa, izda, ghandna Ministru tal-Finanzi (li koncidentalment huwa wkoll il-Prim Ministru) bla bagalja! U din ukoll fiha x'tifhem!

Ghal minn bagalja b'midalja tad-deheb tispicca bla bagalja jew b'bagalja li trid iggor dokumenti ta' zewg awtoritajiet – dik ta' Prim Ministru u dik ta' Ministru tal-Finanzi.

U issa rajna l-bagalja ta' Ivan! U l-bagalja ta' Ivan ma kienx fiha hlief oggetti personali ! Ovvjament mhux tiela' Brussels ghal xi nteressi socjali! Xoghol ghal hobzna ta' kuljum personali! U b'missjoni pero' li jinfurmana dwar x'qieghed jigri fi Brussels!

Pero' li hu zgur hu li dak li ghajjar lil adhiero li jsiefer spicca jsiefer hu. Mhux qieghed nghid li m'ghandekx ikollok beneficcji ta' safar – izda seta' halla ftit l-affarijiet jibirdu qabel ma telaq daqshekk drammatikament minn dawb il-gzejjer.

Xi haga li tohrog sewwa mill-istorja tas-safar u l-bagalji pero, huwa l-fatt li ghal dawk li hasbu li nsiru parti mill-Unjoni jistghu jindunaw minn issa li r-realta' hija ferm 'il boghod minnhekk.

Ghandkom tindunaw li jekk l-arrangamenti dejjem saru bhall-'blue-eyed boys' t'hawn Malta – hekk se jibqa' jigri anke gewwa Brussels. Fil-verita' l-filter li jezisti f'Malta ghal min imur Brussels huwa kbir u l-frekwenza li biha nies Maltin li m'ghandhom l-ebda konnessjonijiet jottjenu pozizzjonijiet barra minn Malta se tibqa' l-istess bhal dik ta' qabel konna parti mill-Unjoni – jigifieri koincidentali u limitata kif ukoll l-eccezzjoni iktar mir-regola.

Cirkostanzi fejn intervisti ghal xogholijiet isiru biex sempliciment kumpanija taparse timxi mal-procedura filwaqt li f'kazijiet ohra bhal dan tal-gimgha l-ohra nies jigu mpjegati minghajr ebda kompetizzjoni ma' haddiehor – diga ghandna provi cari f'idejna li se jibqghu jigu.

Il-fatt, ghalhekk, li min kellu opportunitajiet tajbin minaba l-konnessjonijiet tieghu qabel se jkollu opportunitajiet itjeb iss, filwaqt li min ma kellux oppostunitajiet Malta mhux se jkollu barra minn Malta b'sempliciment shubija shiha hija ghalhekk ukoll vera.

U min haseb li f'Malta l-affarijiet se jinbidlu suppost s'issa nduna li qieghed johlom u li ilu johlom hajtu kollha!

Id-differenza forsi bejn il-bierah u llum se tkun li mentir il-'blue'eyed boys' tal-bierah kienu jotjenu karroza sabiha u lussuza b'xejn bix-xufier biex jidhru biha fil-pubbliku u juru l-istatus taghhom, illum se jottjenu titjiriet b'xejn ghax inbiddilhom il-mezz tat-trasport.